# GHAL SOLD SIGARETTI "BOXSA"

Peppa l-Mostija mindu ħadet b'żewġha lil Peter, *steward* fuq il-laneċ, arani u la tmissnix, lil kullħadd trid tibla, lil kullħadd tara dubbien. Il-ġâra, mara fqira daqs Gobb, il-jum kemm hu twil tqatta' msarinha, għaliex tara lil din Peppa ssarraf waħda f'waħda l-karti tal-liri, daqqa għand tal-ħobż u daqqa għand tal-pitrolju, u hi bil-kemm tista' trejjaq il-qorċma tfal li għandha bil-qligħ żgħir ta' żewġha, billi kien iraqqa' xi żarbun 'l hawn u 'l hinn.

Lixkati minn hawn, botti minn hinn, ma nafx kemm il-darba f'jum wieħed. Peter widdeb lil martu biex tilħaq għas-sitha, iżda l-oħra ma twieġeb xejn, xejn. Kienet riesqa l-Imnarja. Peppa kienet mxerrfa fit-tieqa. Il-ġara tonxor dendula mal-ħabel taż-żewġ lasti. Peter sa joħroġ u qiegħed jiġbed il-bieb warajh; martu: "Peter, mur għand tal-karrozzi u ikri *four seater* sabiħ, għaliex l-Imnarja waslet, u flusna m'għandniex inħalluhom fil-kexxun jitmermru, il-karrozza tiġi lejliet il-festa fil-għodu u ħallsu issa, tridx innizżillek xi żewġ liri ? "

Żewġha għamlilha iva b'rasu u qagħad jistenna Martu wara ftit niżlet b'żewġ karti ġodda iperpru bit-tixjir ta' idejha. Peter tbiegħed u l-ġara daħlet ġewwa b'wiċċha mitt lewn bit-tferfir ta' demmha. L-għada żewġ Peppa daħal għand Saver tal-ħanut. "Uri sold 'Boxsa' u tefagħlu żewġ xelini fuq il-bank. Saver ma kellux ħabba żgħar bqija. Tal-ħanut: Tini għada. L-ieħor jerfa flusu. Tidħol il-ġara. "Mela għada nagħtik is-sold Saver, qallu Peter. Il-ġara dawn il-kelmiet jinżlulha għasel. Refgħet u sarret kollox għal meta tiġiha x-xoqqa f'moxtha. L-għada kif il-ġara lemħet lil Peppa bdiet tfajjar waħda f'waħda : Djun, djun, djun, l-anqas sold għas-sigaretti; fanfaruni bla wixx, Peppa ma basretx għaliha għaliex billi kienet tixtri bil-flus kollox, kollox mal-ħaġra t-tajn, ma ħadituх għaliha, iżda meta l-ġara bdiet tgħajjat : ' Tan-navy l-anqas sold ma għandhom ħila jħallsu lil tal-ħanut", hawn ħadet il-miċċa u ja sidi, it-twerżiq, l-għajjat, it-tisbit ta' bibien, ħwejjeġ kbar!

Iż-żewġ nisa ħomor donnhom żewġ skorfniet, imqabbdin f'xagħar xulxin, jagħtu bla ħniena, in-nies tinġama qtajja, qtajja, klieb jinbħu, il-pjantun ried kieku jwaqqafhom, xi twaqqaf! mar għas-surġent, għal xejn. Biex tagħqad, il-kuċiniera ta' Peppa qabdet ittella' ġmielha, nigrufun li ma ngħidilkomx, inzerta kien hemm xi karti mal-ħajt, qabdu, bdiet tieħu l-għamara, dħaħen ma kullimkien, ċemplu l-funtana għal-"fire engine", din inzertat ma taħdimx, iċemplu l-inġinjieri, dawn ġew jiġru qatta' bla ħabel u

erħilhom dawn l-ingliżi bil-qomos lewn il-piżella jitfu; kif tfew kollox, is-surġent, raġel twil donnu blandun, ruxxan għall-aħħar jimsaħ l-għaraq kbir li kellu nieżel miegħu, jersaq bil-pala t'idu l-lemenija maqluba fuq ġbinu lejn l-ispettur tal-pulizija. All right, Sir, idur fuq it-takkun u f'għemża kullħadd warrab ipaċpaċ biss fuq dik il-praspura bla ħsieb ta' Peppa l-Mostija.

Għadda xahar u Peter ma nafx x'daħal jixtri minn għand Saver. Bilħaqq kelli ntik sold tas-sigarretti "Boxsa" u billi kien ħa l-bqija, mill-ġdid deffes idu fil-but u ħareġ sold li dan is-sold bla ma jaf kien il-ħtija tal-ħsara li ġratilhom f'darhom Peter u martu Peppa, żid l-għelt li nqala' mal-ġara.

K. A. H.

Gżira, 14-10-35.